KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi

ID-DISA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 478 (9-21)

It-Tnejn 13 t'Ottubru 2025 fis-6.00 ta' filgħaxija

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi.

PREŻENTI:

Is-Sindku Julian Borg
Il-Viċi Sindku Ryan Cachia
Il-Kunsillier Christopher Farrugia
Il-Kunsillier Albert Pace
Il-Kunsillier Stephanie Vassallo

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Il-Kunsillier Dominic Grech
Il-Kunsillier Charles Vassallo

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Ritienne Giorgino – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku preseda l-laqgħa.

**478.1** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**478.1.1** Ma kienx hemm ittri t'apoloġija.

**478.2** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Il-Minuti, mibgħuta qabel lill-Kunsilliera, ġew ikkunsidrati bħala moqrija. Is-Sindku ressaq il-Minuti tas-Seduta 477 għall-approvazzjoni. Il-Kunsillier Christopher Farrugia ssekonda. Il-Kunsill approva il-Minuti bħala dokument korrett.

**478.2.1** **Punti li joħorġu mill-Minuti**

**478.2.1.1** Talba għal bankina fi Triq il-Kbira

Is-Sindku rrefera għal-item 477.18. Hu qal li b'diskussjoni fis-Seduta preċedenti, il-Kunsill ma jaqbilx li tiġi mibnija bankina fuq iż-żewġ naħat tat-triq, għax din tfisser li jitnaqqas il-parkeġġ kif ukoll li tidjieq it-triq u tnaqqas l-aċċess għall-vetturi. Is-Sindku propona li l-Kunsill jagħti l-go ahead li ssir il-bankina ġdida fuq naħa waħda tat-triq, u cioe in-naħa fejn hemm gallarija metru 'il barra li qegħda tintlaqat sikwit, u ssir oġġezzjoni għan-naħa l-oħra. Hu qal li mbgħad sta al Transport Malta li tieħu d-deċiżjoni finali. Il-Kunsill unanimament qabel.

**478.2.1.2** Scaffolding Kappella Ta'Ċwerra

Is-Sindku rrefera għal item 477.6.8. Hu qal li ma kien hemm l-ebda azzjoni oħra minn xahar ilu l-haw. Hu bagħat lil Kurja biex jitlob aġġornament iżda l-unika risposta li kellu kienet tfakkira lil perit tagħhom. Is-Sindku talab biex insegwu r-rapport diġà mibgħut mad-Dipartiment tas-Sanita' u nsaqsu x'azzjoni ittieħdet minn naħa tagħhom.

**478.3** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**478.3.1** Għeluq tal-Kawża 203/2024 CL

Is-Sindku rrefera għall-kawża 203/2024 CL fit-Tribunal għal talbiet żgħar li fetaħ is-Sur G.Galea versus il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi f'Lulju 2024, għal talba ta' €2950. Huwa preżenta kopja tas-sentenza finali, fejn il-Kunsill huwa dovut iħallas is-somma ta' €1141 u parti mill-ispejjeż tal-kawża. Is-Sindku qal li l-avukat tal-Kunsill diġà kkomunika biex din is-somma tittieħed mill-guarnishee li hemm marbuta. L-ispejjeż tal-kawża jiġu komunikati lill-Kunsill 'il quddiem. Il-Kunsill unanimament qabel li jilqa' s-sentenza kif mogħtija mill-qorti.

**478.3.2** Tismija uffiċjali ta' triq fir-rural

Is-Sindku qal li l-Kunsill irċieva talba minn resident biex tissemma uffiċjalment triq fir-rural biex ikun jista' jagħmel il-karta tal-identita'. Is-Sindku preżenta l-pjanta tat-triq in kwistjoni u qal li din hija magħrufa bħala 'It-Telgħa taż-Żiri' u għalhekk jipproponi li tingħata dan l-isem. Din tibda minn Triq Blat il-Qamar sal-junction tal-Mogħdija tal-Għolja. Il-Kunsill unanimament qabel ma' dan l-isem.

**478.3.3** Talba għal Filming f'Għar il-Kbir

Is-Sindku preżenta talba għall-permess mill-Kunsill Lokali biex isir filming f'Għar il-Kbir. Huwa qal li peress li l-Għar il-Kbir huwa sit storiku, il-Kunsill dejjem irrifjuta li jintuża xi tip ta' inġenji, makkinarju jew simili u s'issa kien jirrifjuta li jinħareġ tali permess. Hu propona li jirreferi għall-entitajiet responsabbli minn konservazzjoni ta' siti storiċi u jekk tinħareġ awtorizzazzjoni minnhom, il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni. Il-Kunsill iddiskuta l-proposta u qal li huwa ta' unur li postijiet fis-Siġġiewi jiġbdu daqshekk attenzjoni u jiġu featured f'films u qabel mal-proposta tas-Sindku.

**478.3.4** Talba armar ta' posta/kiosk fil-festa

Is-Sindku semma li rċieva talba minn bejjiegħ tal-ġugarelli li jarma fil-festa biex ikun jista' jarma f'Misraħ il-Vittmi tal-Gwerra fejn jarmaw tal-ġugarelli l-oħrajn. Is-Sindku qal li jekk fiżikament hemm wisa' fejn jarma, ma jsibx oġġezzjoni li jingħata posta hemmhekk, ġaladarba jkun skont ir-Regolamenti tat- Twaqqif ta' xi posta jew kjosk kif tippermetti il-Liġi. Is-Sindku talab li jittieħdu l-qisien tal-post biex jiġi stabbilit jekk hemmx wisa' li tidħol posta oħra, u l-item terġa' tiġi diskussa f'Seduta oħra.

**478.3.5** Talba għal Awditjar fil-każ tal-ex kunsillier Francine Farrugia

Is-Sindku informa li hu flimkien mal-Minority Leader u s-Segretarju Eżekuttiv kellhom żewġ laqgħat mal-Awditur Ġenerali, fejn fl-aħħar waħda kien preżenti wkoll id-Direttur Ġenerali tal-Gvern Lokali. F'dawn il-laqgħat ġiet diskussa il-mozzjoni approvata mill-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi, fejn l-Awditur Ġenerali fiż-żewġ laqgħat insista li l-Kunsilli Lokali huwa diġà ivvetjati u awditjati minn Awditur Indipendenti u fejn ir-rapport tal-Awdituri jiġi approvat mill-Kunsill Lokali rispettiv u jkun anka pubbliku għal trasparenza. Hu qal li l-awditjar isir b'mod serju ħafna u m'hemm l-ebda dubju dwar dan. Madankollu, is-Sindku qara l-kontenut ta' ittra biex tintbagħat b'mod imedjat lill-Awditur Ġenerali u lid-Direttur Ġenerali sabiex b'mod indipendenti mill-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi, jesegwixxu t-talba tal-mozzjoni u l-verifiċi neċessarji. Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi jemmen fl-istituzzjonijiet u jemmen li ma tistax issir verifika indipendenti jekk dan isir minn individwu jew kumpanija imqabbda mill-istess KL. L-ittra tgħid ukoll li l-KLS flimkien mal-istaff fi ħdanu, ipoġġu għad-dispożizzjoni kwanlunkwe dokument jew informazzjoni meħtieġa għal dan l-eżerċizzju.

**478.3.6** Serata - Jum is-Siġġiewi 2026 – Qbil fuq id-data

Is-Sindku qal li s-sena d-dieħla l-1 ta' Marzu, Jum is-Siġġiewi, ser jinzerta l-Ħadd. Hu propona li s-Serata tinżamm f'din id-data. Il-Kunsill unanimament qabel.

**478.3.7** Talba għal għeluq ta' Triq Nicola Bonello

Is-Sindku preżenta talba mill-Projects Manager tal-binja li qegħda taħt kostruzzjoni biex isir hoarding tul Triq Nikola Bonello minħabba periklu li hemm. Hu qal li bħala Kunsill ma nistgħux noġġezzjonaw ġaladarba hemm kwistjoni ta' saħħa u sigurtà. Hu qal li għandna nitolbu timeframe ta' kemm ser idum dan ix-xogħol.

**478.4** **Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Ma kienx hemm mistoqsijiet.

**478.5** **Aġġornament – Dekasteri u responsabbiltajiet**

**478.5.1** Il-Viċi Sindku qal li qed ikompli jaħdem fuq il-proġett Turiżmu Sostenibbli li ser ikun imniedi fil-laqgħa pubblika f'Novembru. Hu qal li l-Kumitat kellu laqgħa mal-Arċipriet dwar kollaborazzjoni, anka peress li numru ta' siti prominenti fil-lokal huma tal-Knisja. Hu qal li l-Arċipriet huwa on-board dwar li jinstab voluntier biex tinfetaħ il-Knisja u ħareġ sejħa ta' interess. Huwa talab li jintbagħtu inviti personalizzati lill-diversi shareholders biex jattendu għal laqgħa pubblika. Qed jinġabru wkoll stimi għar-restawr tal-istatwa ta' San Ġwann l-Evanġelista ta' Triq San Nikola. Qed jikkoordinaw ukoll għal-lectures edukattivi-kulturali li pjanati jibdew fi Frar, għal perjodu ta' Jum is-Siġġiewi. F'Novembru issir il-ħarġa kulturali li jmiss bi żjara gwidata fil-konkatidral ta' San Ġwann il-Belt Valletta. Għaddejjin ukoll il-preparamenti għall-attivita' Villaġġ ta' Nikola f'Diċembru fejn qed isiru diversi laqgħat ta' kollaborazzjoni mal-grupp ta' volontarji tal-attivitajiet.

**478.5.2** Il-Kunsillier Stephanie Vassallo infurmat li qed tikkoordina mal-iskola primarja kif ukoll mar-Reġjun Punent għal attività ta' ġbir taż-żebbuġ fit-28 t'Ottubru. Kellha laqgħa wkoll dwar inizjattiva 'Road Doctors' li huma grupp ta' tobba li jorganizzaw sezzjonijiet informattivi u edukattivi lit-tfal fuq is-sigurta' relatata mat-traffiku. Hija qalet li ppproponew li din l-inizjattiva issir fi Ġnien Mirabel Falzon fiż-żona tar-road

simulation. Hija qalet li l-korsijiet tal-LifeLong Learning u oħrajn mexjin skont l-iskeda u ser jibda wkoll il-kors tal-grafika, filwaqt li l-kors lifeskills kellu jiġi ikkanċellat minħabba nuqqas ta’ applikanti.

**478.5.3** Il-Kunsilliera Stephanie Vassallo, qalet li fl-assenza tal-Kunsillier Charles Vassallo, tinforma li kienet ġiet sottomessa l-applikazzjoni tal-European week for Waste Reduction b’kollaborazzjoni mas-Siġġiewi Scouts group. Hija qalet li diġà qed jaħdmu fuq diversi inizattivi bil-parteċipazzjoni tat-tfal, ibbażati fuq ġbir ta’ WEEE u ġbir ta’ batteriji użati bħala attivita’ ta’ halloween.

**478.5.4** Il-Kunsillier Albert Pace informa li qiegħed f’kuntatt mad-Dipartiment tat-Turiżmu biex sa Ottubru jinbidlu is-6 bankijiet ta’ Għar Lapsi. Hu qal li qed isegwi wkoll mad-dipartiment tax-Xogħolijiet rigward il-proġett tal-mall li suppost għandu jibda dalwaqt, kif ukoll il-proġett tas-Solar Lighting fil-parkeġġ previst għal Novembru. Qed nistennew ukoll li jiżżarma l-makkinarju li qed iwettqu xi xogħol biex ikun jista’ jinbena mill-ġdid il-ħajt perikoluż mill-ħaddiema tal-Public Works. Fit-23 t’Ottubru hemm skedata laqgħa Lapsi biex naraw x’xogħolijiet hemm bżonn isiru.

**478.5.5** Il-Kunsillier Christopher Farrugia qal li kellu laqgħa mar-Reġjun Punent biex isir tournament tal-futbol fl-1 ta’ Novembru. Hu qal li biex jiġi inkluż element kulturali, qed isir koordinament mal-Każin Banda San Nikola biex it-tfal iżuru s-shelters li jkunu għadhom armati għall-attivita’ ta’ halloween. Hu qal li tlesta draft għal sistema ta’ Bookings tal-football ground b’konnessjoni mal-ftehim li sar għall-użu tal-ground mill-pubbliku.

**478.6** **Aġġornament – Proġetti infrastrutturali u inizjattivi**

**478.6.1** Xogħol fil-bypass – proġett Vjal Kulħadd

Is-Sindku infurma li x-xogħol tat-tpoġġija tal-pipe tal-800mm għall-ilquħ tal-ilma tax-xita kważi lest man-naħa tal-walking area tal-bypass. L-istess waqt fuq il-pipe tal-800mm qed jitpoġġa main tal-ilma tal-100mm sabiex issa fil-bypass ikun hemm żewġ mains tal-ilma tax-xorb, u għalhekk jekk ikun hemm minn irid iqabbad meter ġdid ma jkunx hemm għalfejn issir trinka f’nofs ta’ triq. Fin-naħa viċin il-Limestone Heritage, twaqqa’ ħajt li kien perikoluż u f’riskju li jaqa’, u reġa tela’ mill-ġdid. Dan ser isservi sabiex il-bankina issa titwessa bi ftit biex tilħaq standards rikjesti. Dalwaqt ser jibda xogħol fuq il-walking/cycling area li jinkludi xogħol ta’ dawl ta’ low level lighting, bdil tal-kurduna kollha mal-area (li kien hemm kienet deterjorata wara madwar 30 sena) u tpoġġija ta’ madum. Il-pjanti tas-sistema elettrika huma diġa lesti u ser jaħdem fuqhom il-kuntrattur filwaqt li l-madum (exposed aggregate tiles) huwa ordnat sabiex jasal fuq il-post.

**478.6.2** Reading Garden

Is-Sindku informa li sar it-tħaffir tal-ġiebja u l-ġimgħa li ġejja ser tibda tinbena. Hu qal li iltaqgħu id-diversi kuntratturi li ser ikunu qed jaħdmu fuq il-ġnien biex issir laqgħa ta’ koordinament.

**478.6.3** Proġett bdil ta’ arbli għal sistema solari f’Għar Lapsi

Is-Sindku qal li infurmat li dan il-proġett ser jibda f’Novembru. Hu qal li l-ġimgħa d-dieħla hemm laqgħa fuq il-post mal-inġineer, il-kuntrattur u l-uffiċjal tas-sigurta’ mqabbad mill-kunsill biex isir koordinament fuq ix-xogħol.

**478.6.4** Xogħolijiet ta’ cables tal-Enemalta

Is-Sindku qal li l-proċess miexi u issa minn Pjazza San Ġwann ser jitkompla lejn Triq ir-Rebbiegħa. Hu qal li fil-jiem li ġejjin ser tinkesa it-trinka fi Triq il-Mitħna u Pjazza San Ġwann. Wara titkompla lejn Triq Lapsi, Bur il-Kbir, lejn ir-roundabout ta’ Lapsi, lejn l-istatwa tar-ruħ. Hu qal li t-traffiku ser jiġi diverted lejn ir-Rabat jew Ħaż-Żebbuġ speċjalment trakkijiet, u ser iżomm kuntatt mal-awtoritajiet biex kemm possibbli tittella’ informazzjoni aġġornata biex ninfurmaw lill-pubbliku.

**478.7** **Laqgħa pubblika - Turiżmu Sostenibbli**

Is-Sindku informa li l-proġett 'Strateġija għat-Turiżmu Sostenibbli' ser jiġi imniedi f'laqgħa ta' konsultazzjoni pubblika fis-6 ta' Novembru 2025 fiċ-ċentru ċiviku fis-6.00pm. Il-laqgħa ser issir f'forma ta' workshops maqsumin: Turiżmu kulturali, Turiżmu reliġjuż, u Turiżmu rurali. L-avviż għal din il-laqgħa ser jintbagħat fid-djar u min hu interessat għandu jagħżel il-workshop li jinteressah. Għal din il-laqgħa ġew mistendin diversi stakeholders fosthom l-għaqdiet, stabbilimenti tal-lokal u l-Awtorita' Maltija għat-Turiżmu.

**478.8** **Tnedija ta' ktieb tat-Tfal Taħt 'Measure 3 – Promotion of Cultural Heritage'**

Is-Sindku informa li l-proġett taħt Miżura 3 ġie finalizzat. Hu qal li l-ktieb għat-tfal ġie ppublikat u ser jiġi imniedi mat-tfal fl-iskola primarja waqt special assembly fil-11 ta' Novembru fit-8.30am. is-Sindku stieden lill-kunsilliera ikunu preżenti.

Is-Sindku qal li qed nistħarġu l-possibilta' ta' fondi mir-Reġjun biex il-ktieb jiġi tradott għall-ingliż u jiġu stampati numru ta' kotba.

**478.9** **Festa San Nikola (tax-xitwa)**

Is-Sindku qal li għalkemm din iċ-ċelebrazzjoni ma' jorganizzahiex il-Kunsill, iżda jkun qed jagħti s-sapport meħtieġ kemm lill-parroċċa u anka lill-iskola biex ikun hemm koordinament tat-traffiku u sigurta'. Hu qal li din il-festa saret popolari anka barra s-Siġġiewi fejn jattendu diversi skejjel minn madwar Malta. Is-Sindku qal li ser issir lagħqa ta' koordinament mal-Pulizija, jiġu provduti barriers u jiġu ordnati uffiċjali tas-sigurtà għall-għeluq ta' toroq. Huwa qal li qed jiġi kkoordinat ukoll it-tindif mal-kenniesa għal matul u wara l-attività. Ser nitolbu wkoll l-assistenza ta' Clean Malta bħas-sena l-oħra. Din is-sena l-attività tat-tfal ser issir fil-5 ta' Diċembru. Fis-6 ta' Diċembru filgħaxija jkun hemm il-kunċert mill-Banda u quddiesa liturġika.

**478.10** **Attivita' Il-Villaġġ ta' Nikola 2025**

Is-Sindku qal li l-preparamenti għall-attività għaddejjin ġmielhom. L-attività ser issir is-Sibt 13 ta' Diċembru mit-3.00pm sad-9.00pm fi Pjazza San Nikola u t-toroq biswit bħas-sena l-oħra. Hu qal li bħala programm ser ikun ibbażat fuq is-sena l-oħra. Hu irringrazzja l-grupp ta' volontarji li qed jaħdmu fuq il-koordinament u oħrajn li ingħaqdu din is-sena. Is-Sindku qal li bħala finanzjament il-Kunsill applika b'suċċess għall-fondi tas-segretarjat għall-Gvern Lokali, kif ukoll ser jingħataw €1000 mill-MTA bħala għajnuna. Din l-attività ser terġa ssir bil-għan li jinġabru fondi għad-Dar tal-Providenza.

**478.11** **Attivita' u Promozzjoni "Doctors for Road Safety"**

Is-Sindku informa li llum flimkien mal-Kunsilliera Stephanie Vassallo kellhom laqgħa fi Ġnien Mirabel Falzon ma' grupp ta' tobba li qed jagħamlu promozzjoni fuq sigurta' fit-toroq. Huwa urew l-interess li ssir attivita' fil-parti fejn hemm ir-road simulation fl-istess ġnien. Hu il-ħsieb li jinġiebu wkoll l-ambulanza, fire engine u vettura tal-pulizija biex issir kampanja edukattiva mat-tfal fil-11 ta' Jannar 2026. Is-Sindku qal li d-'Doctors for Safety' ser ikunu qed itellgħu stand fl-attività tal-Milied.

**Materji konnessi mal-Awtorita' tal-Ippjanar**

**478.12** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lista ta' applikazzjonijiet li daħlu mal-Awtorita' tal-Ippjanar biex isir xi tip ta' żvilupp fis-Siġġiewi.

Is-Sindku iddikjara konflitt f'applikazzjonijiet: PA4895/25, PA6699/16, RG1179/25, PA6481/23, RG657/25, PA6046/25, PA3210/25.

**Reviżjoni tal-Budget 2025**

**478.13** Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv tispjega. Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat kopja tad-dokument tal-Budget rivedut u tat spjega taċ-ċifri kif jidhru fid-dokument bi spejjeż li saru s'issa u x'inhu pjanat sal-aħħar tas-sena, inkluż spejjeż ta' kuntratti u anka spejjez relatati ma' każ il-qorti fejn qiegħed appellat u għandu jinqata din is-sena. Is-Sindku talab l-approvazzjoni tad-dokument kif preżentat. Il-Kunsill unanimament approva.

**478.14** **Rapport tal-Korrispondenza**
Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat lista tal-korrispondenza mill-aħħar Seduta sal-lum.

**478.15** **Rapport tal-ilmenti**
Is-Segretarju ppreżentat ir-rapport tal-ilmenti li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

**478.16** **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**
Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda tal-pagamenti.
Is-Sindku propona l-approvazzjoni tal-pagamenti. Il-Kunsill unanimament approva.

**478.17** **Items oħra ta' xogħol ieħor li jkun meħtieġ**

**478.17.1** Il-Kunsillier Albert Pace qal li hemm bżonn li waqt it-tindif tat-toroq rurali jinġabar ukoll it-trab li jkun hemm mal-ġenb tat-triq.

**478.17.2** Hu saqsa wkoll dwar il-manutensjoni ta' ġnien Mirabel Falzon għax hemm ħafna ħaxix ħażin. Is-Sindku qal li din il-ġimgħa L-Indis bagħtu l-ħaddiema tal-kuntrattur li naddfu l-area tal-ġnien u ħartu. Is-Sindku qal ukoll li l-parti ta' wara fejn tħawlu s-siġar mill-Kunsill, tkun mantenuta u ssir it-tisqija b'mod regolari. Hu qal li intalab li l-kunsill ikollu kopja ta' kull ftehim u garanzija li tirrigwarda l-ġnien f'każ ta' ħsarat u biex inkunu nistgħu insegwu.

**478.17.3** Is-Sindku qal li l-ġnien ta' Ramija qiegħed jiġi mantenuti bħala soft areas mill-kuntrattur imqabbad mill-PW. Hu talab biex jiġi segwit il-każ meta saru xi ħsarat b'inċident jekk filfatt saritx it-tiswija.

**478.17.4** Is-Sindku qal li dan l-aħħar kellmuh diversi residenti minn Triq tan-Nofs rigward il-kwalità ħażina tal-ilma tal-vit. Hu qal li bħala Kunsill infurmajna lill-Korporazzjoni għas-servizzi tal-Ilma biex issiru spezzjonijiet neċessarji.

**478.17.5** Is-Sindku propona li għall-okkazjoni tal-festi tal-Milied, issir ikla bejn Kunsillier u ħaddiema tal-Kunsill, għal Jannar. Ġie propost il-22 ta' Jannar 2026.

**478.18** **Tmiem tal-laqgħa u aġġornament**
Il-laqgħa intemmet fit-8.00 ta' filgħaxija.
Is-Sindku propona li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 17 t'Novembru 2025 fis-6.00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum 17 ta' Novembru 2025

| | |
|---|---|
| Il-Perit Julian Borg | Ritienne Giorgino |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |